*Għawdex Qabel ir-Ritratti (30)* — *minn* **JOHN CREMONA**

# *Lura f'Għawdex wara 238 sena*

Fi żmien il-Gran Mastru Pinto, fis-sena 1771, f'Għawdex ġiet misjuba statwa żgħira tal-bronż li turi raġel bilqiegħda fuq basket tal-qasab, iħares 'l fuq u b'bieqja żgħira f'idu imtella' 'l fuq qisu qed joffri xi ħaġa. Fuq id l-istatwetta jidhru wkoll par riġlejn żgħar ta' figura oħra li tqaċċtet f'xi żmien fl-antik, qabel instabet l-istatwetta. Fatt kurjuż huwa l-fatt li r-raġel liebes speċi ta' kappa jew mantell li fuqha hemm karattri mill-alfabett Grieg flimkien ma' oħrajn donnhom ta' xi alfabett mhux magħruf. Tispikka fin-nofs il-monogramma tixbaħ il-*Chi ro* jew simbolu ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja li jirrappreżenta l-isem ta' Kristu.

L-importanza ta' din l-istatwetta ġej mill-fatt li x'aktarx tappartjieni għall-perjodu fl-istorja ta' pajjiżna li ftit li xejn nafu dwaru. X'aktarx li l-istatwetta hija fdal tal-perjodu tal-Biżantini f'Għawdex.

Iċ-ċirkostanzi ta' fejn, kif u meta eżatt instabet l-istatwetta mhux magħrufa. Hemm ħjiel li l-istatwetta setgħet instabet fil-limiti ta' Għajnsielem. Manuskritt fl-Arkivju tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem intitolat '*Miscellanea Notitiarum pro archivio Santae Parrochialis Ecclesiae Pagi Hanselem*' f'nota ta' l-ewwel Kappillan Dun Anton Cauchi miktuba fil-ħdax ta' Frar 1861, hemm tagħrif dwar din l-istatwa u allura nistgħu nissopponu li ladarba ġiet inkluża f'dan il-ktieb, il-Kappillan li kien qiegħed jipprova jiġbor l-istorja bikrija tar-raħal ta' Għajnsielem, kellu informazzjoni li din l-istatwetta instabet propju fit-territorju tal-parroċċa tiegħu.

Din l-istatwetta mill-ewwel qajmet interess partikolari u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fis-sena ta' wara jiġifieri fl-1772 fil-ktieb dwar l-istorja ta' Malta '*Malta Illustrata*' tal-Kommendatur Ġian Franġisk Abela u l-Konti Giovann Antonio Ciantar li minnu qed nieħu l-inċiżjoni li qed tidher ma' dan l-artiklu. Awturi oħra li tkellmu dwar din l-istatwetta jinkludu lill-Konti Francoise-Emmanuel Guignard de Saint-Priest (1791), Carlo Castone della Torre di Rezzonico (1793), Louis de Boisgelin (1804) u Frederic Lacroix (1840).

Malli nstabet, din l-istatwetta ittieħdet Malta u kienet tinżamm ma' antikitajiet oħra. Għal ħafna snin ma baqgħetx għall-wiri peress li kien hemm min tefa' dubji dwar l-awtentiċità tagħha. Fl-okkażjoni tal-festi




f'għeluq l-1950 sena min-nawfraġju ta' San Pawl din l-istatwetta reġgħet ġiet esibita għall-ewwel darba fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija fil-Belt Valletta u f'Mejju tas-sena 2009 ġiet esibita fl-Uffiċċju ta' *Heritage Malta* fiċ-Ċittadella propju 238 sena wara li kienet instabet. Din l-istatwetta llum għaddejja minn proċess ta' konservazzjoni li meta jkun lest, l-istatwetta titpoġġa għall-wiri b'mod permanenti fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex.

L-inċiżjoni ma fihiex titlu iżda hija mmarkata bħala Tav. XXI. Għandha qisien ta' 182mm x 287mm. Ma nafux min kien l-awtur tagħha. L-inċiżjoni turi l-istatwetta minn quddiem u minn wara flimkien mal-karattri li jidhru miktuba fuq il-ħwejjeġ. Dwar tifsir tal-kliem nitkellmu f'artiklu darb'oħra.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31